**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2019**

**Rikors nru: 319/2019 AGV**

**AB (ID nru: 0171683M)**

**Vs**

**CD (ID nru: 0217383M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **AB (ID nru: 0171683M)** tat-8 ta' Lulju 2019, fejn ppermettiet u pprezentat is-segwenti;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl-10 ta' Mejju 2008 kif jirrizuta minn certifkat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A;
2. Illi minn daz-zwieg ghandhom zewgt iftal tewmin E u F li twieldu fil- 31 ta' Dicembru tas-sena 2009.

3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ppubblikat fid- 9 ta’ Marzu tas-sena 2015, fl-atti tan-Nutara Dottor Krsytle Frendo Galea, anness u mmarkat bhala Dok B;
4. Illi ai termini tal-artikolu 4 tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali fuq imsemmi z-zewgt partijiet, irrunzjaw reciprokament mid-dritt illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin;
5. Illi ai termini tal-artiolu 5 C c et seq taht l-intestatura ‘C. MANTENIMENT’ tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali ta’ bejn il-partijiet ir-ragel obbliga ruhu li jhallas favur il-mara, is-somma ta’ hames mitt Ewro fix-xahar, rapprezentanti mitejn u hamsin fix-xahar ghal kull minuri, liema manteniment jizdied annwalment skont l-indici tal-gholi tal-hajja oltre’ spejjez tal-edukazzjoni u sahha kif inhu stabbilit fil-kuntratt ta’ seperazzjomi personali fuq citat;
6. Illi m’ hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbabba li ilhom erba’ snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalemnt separata minn xulxin;
7. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, umilment titlob lil din l-Obirabbli Qorti sabiex :

1 Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-direttur tar-registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat CD li espona bir-rispett :

1. Illi t-talba mressqa mil-attrici ghal hall taz-zwieg tal-kontendenti hija fondata nilli jokkorru l-elementi mahsuba fil-Ligi sabiex talba ghall-hall taz-zwieg titressaq validament.

Illi l-esponenti ma jopponiex ghat-talba tal-attrici martu.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**